2026/1101

26.5.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/1101

tat-22 ta' Mejju 2026

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2389 fir-rigward tar-rati ta' frekwenza minimi għall-verifiki tal-identità u għall-verifiki fiżiċi fuq il-kunsinni tal-pjanti, tal-prodotti mill-pjanti u ta' oġġetti oħra li jidħlu fl-Unjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 54(3), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2389 ([2]) jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni uniformi tar-rati ta' frekwenza għall-verifiki tal-identità u għall-verifiki fiżiċi fuq il-kunsinni ta' pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra msemmija fl-Artikolu 47(1), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2017/625 li jidħlu fl-Unjoni li huma soġġetti għall-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntieri tal-ewwel wasla fl-Unjoni. L-Anness I ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jistabbilixxi l-lista tal-pjanti, tal-prodotti mill-pjanti u ta' oġġetti oħra li huma soġġetti għall-verifiki tal-identità u għall-verifiki fiżiċi b'rati ta' frekwenza speċifiċi.

(2) F'konformità mal-Artikolu 6(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2389, ir-rati ta' frekwenza stabbiliti fl-Anness I ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jridu jiġu modifikati fir-rigward tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 54(3), il-punti (a)(i), (ii), (iv), (v) u (vi) tar-Regolament (UE) 2017/625, tal-kriterji stabbiliti fl-Anness II, u, fejn xieraq, fir-rigward tal-informazzjoni stabbilita fl-Anness III ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni. F'konformità mal-Artikolu 6(2) ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, ir-rati ta' frekwenza għall-verifiki tal-identità u għall-verifiki fiżiċi għall-pjanti, għall-prodotti mill-pjanti u għal oġġetti oħra, jew għall-kategoriji tagħhom, jridu jiġu rieżaminati mill-inqas darba fis-sena, sabiex titqies l-informazzjoni l-ġdida miġbura permezz tal-IMSOC jew ipprovduta mill-Istati Membri, u modifikata skont dan.

(3) Il-Kummissjoni stabbiliet grupp ta' ħidma li eżamina s-sitwazzjoni tal-importazzjonijiet fl-2022, fl-2023, fl-2024 u fl-ewwel xhur tal-2025 tal-pjanti, tal-prodotti mill-pjanti u ta' oġġetti oħra msemmija fl-Artikolu 47(1), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2017/625. Abbażi tal-kriterji msemmija fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2389, il-grupp ta' ħidma rrakkomanda r-rati ta' frekwenza minimi tal-verifiki tal-identità u tal-verifiki fiżiċi li qies xierqa għall-kunsinni ta' ċerti pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra minn pajjiżi terzi ta' oriġini partikolari.

(4) Abbażi tas-sejbiet wara l-applikazzjoni ta' dawk il-kriterji, u minħabba għadd aktar baxx ta' interċettazzjonijiet tal-kunsinni affettwati mill-pesti ta' kwarantina fl-Unjoni u għadd akbar ta' kunsinni li jidħlu fl-Unjoni matul l-aħħar 3 snin, jenħtieġ li r-rati ta' frekwenza minimi tal-verifiki tal-identità u tal-verifiki fiżiċi għal ċerti pjanti jitnaqqsu biex jiġi ggarantit li jinżamm livell xieraq ta' kontrolli.

([1]) ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/625/oj.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2389 tas-7 ta' Diċembru 2022 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni uniformi tar-rati ta' frekwenza għall-verifiki tal-identità u għall-verifiki fiżiċi fuq il-kunsinni ta' pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra li jidħlu fl-Unjoni (ĠU L 316, 8.12.2022, p. 42, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2022/2389/oj).

(5) B'mod partikolari, jenħtieġ li dawk ir-rati jitnaqqsu għall-importazzjoni tal-pjanti li ġejjin: il-fjuri maqtugħin tal-*Aster* miż-Żimbabwe, tad-*Dianthus* mit-Turkija, tal-*Gypsophila* mill-Kenja u tar-*Rosa* miż-Żambja, il-frott tal-*Actinidia* mill-pajjiżi terzi kollha, tal-*Carica papaya* mill-pajjiżi terzi kollha, tar-*Rubus* mill-pajjiżi terzi kollha, tal-*Malus* mill-pajjiżi terzi Ewropej kollha, tal-*Pyrus* mill-pajjiżi terzi Ewropej kollha, tal-*Vaccinium* mill-pajjiżi terzi Ewropej kollha, tas-*Citrus* minn Iżrael għajr is-*Citrus sinensis*, tas-*Citrus* mit-Turkija, tal-*Malus* mill-Afrika t'Isfel, tal-*Mangifera* mill-Brażil, tal-*Passiflora* mill-Afrika t'Isfel u mill-Vjetnam, tal-*Prunus* mill-Arġentina, miċ-Ċilì u mit-Turkija, tal-*Psidium* mill-Brażil, tal-*Pyrus* mill-Arġentina u miċ-Ċina, u tal-*Vaccinium* mill-Arġentina u miċ-Ċilì.

(6) Barra minn hekk, jenħtieġ li r-rati ta' frekwenza minimi tal-verifiki tal-identità u tal-verifiki fiżiċi għal ċerti pjanti, kif stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2389, jiżdiedu sabiex jintlaħaq l-għadd minimu ta' mill-inqas 600 kunsinna tal-pjanti li jridu jiġu vverifikati fuq 3 snin skont il-punt (b) tal-punt 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2389. B'mod partikolari, jenħtieġ li dawk jiżdiedu għall-importazzjoni tal-pjanti li ġejjin: il-frott tal-*Prunus* minn pajjiżi terzi Ewropej, tas-*Citrus* li joriġina mill-Messiku, u l-għeruq u t-tuberkuli tal-*Curcuma longa* mill-pajjiżi terzi kollha.

(7) Barra minn hekk, minħabba l-interċettazzjonijiet tal-kunsinni affettwati mill-pest tal-kwarantina fl-Unjoni, jenħtieġ li r-rati ta' frekwenza minimi tal-verifiki tal-identità u tal-verifiki fiżiċi stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2389 jiżdiedu għall-fjuri maqtugħin tal-*Gypsophila* mill-Ekwador u tar-*Rosa* mill-Kolombja, għall-frott tal-*Persea americana* mill-pajjiżi terzi kollha, u għall-għeruq u t-tuberi tal-*Curcuma longa* mit-Tajlandja u mill-Perù, u għall-għeruq u t-tuberi taż-*Zingiber officinale* mill-Perù.

(8) Filwaqt li qabel ġew stabbiliti rati ta' frekwenza minimi speċifiċi tal-verifiki tal-identità u tal-verifiki fiżiċi għall-kunsinni tal-*Prunus* li joriġinaw mit-Turkija, id-data reċenti dwar l-interċettazzjoni tindika li r-riskju assoċjat ma' dawn il-kunsinni ma għadux ivarja b'mod sinifikanti mir-riskju marbut mal-kunsinni tal-*Prunus* li joriġina minn pajjiżi terzi Ewropej oħra. Għalhekk jixraq li l-istess rati ta' frekwenza minimi tal-verifiki tal-identità u tal-verifiki fiżiċi jiġu applikati għall-kunsinni tal-*Prunus* mit-Turkija, bħal dawk għall-kunsinni tal-*Prunus* mill-pajjiżi terzi Ewropej l-oħra kollha.

(9) Barra minn hekk, u minħabba li l-għadd medju tal-kunsinni li daħlu fl-Unjoni matul l-aħħar 3 snin kien aktar baxx miċ-ċifri stabbiliti fil-punti (a) u (b) tal-punt 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2389, jenħtieġ li r-rati ta' frekwenza minimi tal-verifiki tal-identità u tal-verifiki fiżiċi jiżdiedu għal 100 % għall-frott tas-*Citrus* mill-Istati Uniti, u għaldaqstant jixraq li dak il-frott jitneħħa mill-Anness I ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

(10) F'konformità mal-Artikolu 44(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), il-Kummissjoni trid tistabbilixxi rekwiżiti ekwivalenti, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, fuq talba ta' pajjiż terz partikolari, jekk il-pajjiż terz ikkonċernat jiżgura, permezz tal-applikazzjoni taħt il-kontroll uffiċjali tiegħu ta' miżura speċifikata waħda jew aktar, livell ta' protezzjoni fitosanitarja li jkun ekwivalenti għar-rekwiżiti speċjali tal-Unjoni fir-rigward tal-introduzzjoni jew tal-moviment fit-territorju tal-Unjoni tal-pjanti, tal-prodotti mill-pjanti u ta' oġġetti oħra kkonċernati minn pajjiżi terzi oħra u jekk il-pajjiż terz ikkonċernat juri lill-Kummissjoni li l-miżuri speċifikati jilħqu l-istess livell ta' protezzjoni fitosanitarja bħal fl-Unjoni.

(11) Il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi vverifikata l-konformità tal-pjanti, tal-prodotti mill-pjanti u ta' oġġetti oħra importati mar-rekwiżiti stabbiliti fl-atti ta' implimentazzjoni adottati f'konformità mal-Artikolu 44(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031, urew li jixraq u li huwa meħtieġ li tiġi mmonitorjata dik il-konformità, permezz ta' kontrolli tal-importazzjoni mmirati speċifikament lejn dawk il-komoditajiet. Għalhekk, meta jiġi applikat il-metodu biex jiġu deċiżi r-rati ta' frekwenza tal-verifiki tal-identità u tal-verifiki fiżiċi fuq il-kunsinni, jenħtieġ li dawk il-pjanti, il-prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra jew il-kategoriji tagħhom jiġu evalwati bħala kategorija waħda u ma jiġux ikkombinati ma' kategoriji oħra ta' pjanti, prodotti mill-pjanti jew oġġetti oħra. Jenħtieġ li l-għadd ta' dawn il-kunsinni tal-pjanti, tal-prodotti mill-pjanti u ta' oġġetti oħra, jew il-kategoriji tagħhom, li jidħlu fl-Unjoni, li għalihom ikunu twettqu l-verifiki tad-dokumenti, il-verifiki tal-identità u l-verifiki fiżiċi matul it-3 snin preċedenti ikun ta' mill-inqas 600. Għall-istess raġuni, jenħtieġ li l-għadd ta' dawk il-kunsinni li nstabu infestati minn pesti tal-kwarantina fl-Unjoni kull sena jkun inqas minn 1 % tal-għadd totali tal-kunsinni ta' dawn il-pjanti, il-prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra, jew il-kategoriji tagħhom, importati fl-Unjoni.

([3]) Ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE (ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/2031/oj).

(12) Barra minn hekk, jixraq li jinkiseb l-ogħla livell possibbli ta' fiduċja fir-rigward tal-aċċettabbiltà tar-riskju fitosanitarju ta' dawn il-pjanti, il-prodotti mill-pjanti jew oġġetti oħra, jew il-kategoriji tagħhom. Għal din ir-raġuni, jeħtieġ li l-ogħla għadd possibbli tal-kunsinni ta' dawn il-pjanti, il-prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra jew il-kategoriji tagħhom jiġi soġġett għall-verifiki tal-identità u l-verifiki fiżiċi. Għalhekk, għal perjodu ta' 3 snin mid-data tal-applikazzjoni tal-att ta' implimentazzjoni li jikkonċerna dawk il-pjanti, il-prodotti mill-pjanti jew oġġetti oħra, jew il-kategoriji tagħhom, adottat skont l-Artikolu 44(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031 u sal-31 ta' Diċembru tat-tielet sena konsekuttiva, jenħtieġ li r-rata ta' frekwenza tal-verifiki tal-identità u tal-verifiki fiżiċi fuq il-kunsinni ta' dawn il-pjanti, il-prodotti mill-pjanti jew oġġetti oħra, jew il-kategoriji tagħhom tkun ta' 100 %.

(13) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2389 jiġi emendat kif xieraq.

(14) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2389

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2389 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 4(4) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Ir-rati ta' frekwenza msemmija fil-paragrafu 3 ma għandhomx japplikaw għal:

(a) pjanti maħsuba għat-tħawwil;

(b) kwalunkwe pjanta, prodott mill-pjanti jew oġġett ieħor jew il-kategoriji tagħhom li huma soġġetti għal miżura prevista fl-atti adottati f'konformità mal-Artikoli 28(1), mal-Artikolu 30(1) u mal-Artikolu 49(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031; u

(c) l-pjanti, il-prodotti mill-pjanti jew oġġetti oħra jew il-kategoriji tagħhom li għalihom ġew stabbiliti rekwiżiti ekwivalenti li jikkonċernaw il-pajjiżi terzi fl-att ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 44(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031 sal-31 ta' Diċembru tat-tielet sena konsekuttiva mid-data tal-applikazzjoni ta' dak l-att ta' implimentazzjoni.";

(2) L-Anness I huwa sostitwit bit-test stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament;

(3) Il-punt 1 tal-Anness II huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Tista' tiġi stabbilita rata ta' frekwenza ġdida fejn:

(a) l-għadd medju tal-kunsinni tal-pjanti, tal-prodotti mill-pjanti u ta' oġġetti oħra, jew il-kategoriji tagħhom, li jidħlu fl-Unjoni matul it-3 snin preċedenti jkun mill-inqas ta' 200 fis-sena;

(b) l-għadd tal-kunsinni tal-pjanti, tal-prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra, jew il-kategoriji tagħhom, jew, wara l-perjodu previst fl-Artikolu 4(4), il-punt (c), l-għadd ta' dawn il-kunsinni soġġetti għal att ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 44(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031, li jidħlu fl-Unjoni, li għalihom ikunu twettqu l-verifiki tad-dokumenti, il-verifiki tal-identità u l-verifiki fiżiċi matul it-3 snin preċedenti, ikun ta' mill-inqas 600;

(c) l-għadd tal-kunsinni tal-pjanti, tal-prodotti mill-pjanti u ta' oġġetti oħra, jew il-kategoriji tagħhom, jew l-għadd ta' dawn il-kunsinni soġġetti għal att ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 44(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031, li nstabu infestati minn pesti tal-kwarantina fl-Unjoni kull sena jkun inqas minn 1 % tal-għadd totali tal-kunsinni ta' dawk il-pjanti, il-prodotti mill-pjanti u ta' oġġetti oħra, jew il-kategoriji tagħhom, importati fl-Unjoni.".

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Mejju 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

"ANNESS I

Rati ta' frekwenza tal-verifiki tal-identità u tal-verifiki fiżiċi tal-kunsinni ta' ċerti pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra, jew il-kategoriji tagħhom, kif imsemmi fl-Artikolu 4(3)

Pjanti, prodotti mill-pjanti jew oġġetti oħra, jew il-kategorija tagħhom	Pajjiż ta' oriġini	Rata ta' frekwenza minima tal-verifiki tal-identità u tal-verifiki fiżiċi (%)
Fjuri maqtugħin		
Aster	Iż-Żimbabwe	75
Dianthus	Il-Kolombja	3
Dianthus	L-Ekwador	10
Dianthus	Il-Kenja	5
Dianthus	It-Turkija	10
Gypsophila	L-Ekwador	5
Gypsophila	Il-Kenja	3
Phoenix	Il-Costa Rica	50
Rosa	Il-Kolombja	5
Rosa	L-Ekwador	1
Rosa	L-Etjopja	25
Rosa	Il-Kenja	25
Rosa	Iż-Żambja	75
Frott		
Actinidia	Il-pajjiżi terzi kollha	5
Carica papaya	Il-pajjiżi terzi kollha	5
Fragaria	Il-pajjiżi terzi kollha, għajr l-Eġittu	5
Persea americana	Il-pajjiżi terzi kollha, għajr il-Kamerun	3
Rubus	Il-pajjiżi terzi kollha	3
Vitis	Il-pajjiżi terzi kollha	1
Malus	Il-pajjiżi terzi Ewropej ([1])	5
Prunus	Il-pajjiżi terzi Ewropej ([1])	5
Pyrus	Il-pajjiżi terzi Ewropej ([1])	5

Pjanti, prodotti mill-pjanti jew oġġetti oħra, jew il-kategorija tagħhom	Pajjiż ta' oriġini	Rata ta' frekwenza minima tal-verifiki tal-identità u tal-verifiki fiżiċi (%)
Vaccinium	Il-pajjiżi terzi Ewropej ([1])	25
Citrus	L-Eġittu	50
Citrus għajr is-*Citrus sinensis*	Iżrael	5
Citrus	Il-Messiku	50
Citrus	Il-Marokk	5
Citrus	Il-Perù	10
Citrus	It-Turkija	3
Malus	L-Arġentina	75
Malus	Iċ-Ċilì	5
Malus	New Zealand	15
Malus	L-Afrika t'Isfel	10
Mangifera	Il-Brażil	50
Passiflora	Il-Kolombja	5
Passiflora	Réunion	10
Passiflora	L-Afrika t'Isfel	50
Passiflora	Il-Vjetnam	10
Prunus	L-Arġentina	50
Prunus	Iċ-Ċilì	15
Prunus	L-Afrika t'Isfel	10
Psidium	Il-Brażil	75
Pyrus	L-Arġentina	15
Pyrus	Iċ-Ċilì	15
Pyrus	Iċ-Ċina	25
Pyrus	L-Afrika t'Isfel	10
Vaccinium	L-Arġentina	35
Vaccinium	Iċ-Ċilì	10
Vaccinium	Il-Perù	5

Pjanti, prodotti mill-pjanti jew oġġetti oħra, jew il-kategorija tagħhom	Pajjiż ta' oriġini	Rata ta' frekwenza minima tal-verifiki tal-identità u tal-verifiki fiżiċi (%)
Ħxejjex		
Solanum lycopersicum	Il-Gżejjer Kanarji	15
Solanum lycopersicum	Il-Marokk	1
Il-ħxejjex tal-għeruq u t-tuberi, għajr it-tuberi tas-*Solanum tuberosum*, *Curcuma longa* u taż-*Zingiber officinale*	Il-pajjiżi terzi kollha, għajr il-Kamerun	5
L-għeruq u t-tuberi tal-*Curcuma longa*	Il-pajjiżi terzi kollha, għajr it-Tajlandja, il-Perù u l-Kamerun	15
L-għeruq u t-tuberi tal-*Curcuma longa*	Il-pajjiżi terzi kollha, għajr il-Perù u l-Kamerun	5
Makkinarju użat		
Il-makkinarju u l-vetturi li jkunu tħaddmu għal finijiet agrikoli jew tal-forestrija	Il-pajjiżi terzi kollha	5

([1]) L-Albanija, Andorra, l-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Belarussja, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Gżejjer Kanarji, il-Gżejjer Faeroe, il-Georgia, l-Iżlanda, il-Liechtenstein, il-Moldova, Monaco, il-Montenegro, il-Maċedonja ta' Fuq, in-Norveġja, ir-Russja (il-partijiet li ġejjin biss: id-Distrett Federali Ċentrali (Tsentralny federalny okrug), id-Distrett Federali tal-Majjistral (Severo-Zapadny federalny okrug), id-Distrett Federali tan-Nofsinhar (Yuzhny federalny okrug), id-Distrett Federali Kawkasu tat-Tramuntana (Severo-Kavkazsky federalny okrug) u d-Distrett Federali tal-Volga (Privolzhsky federalny okrug), San Marino, is-Serbja, it-Turkija, l-Ukrajna u r-Renju Unit.

(*) F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Qafas ta' Windsor (ara d-Dikjarazzjoni Konġunta Nru 1/2023 tal-Unjoni u tar-Renju Unit fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tal-24 ta' Marzu 2023, ĠU L 102, 17.4.2023, p. 87) flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Qafas, għall-fini ta' dan l-Anness, ir-referenzi għar-Renju Unit ma jinkludux l-Irlanda ta' Fuq.".